## Uża moħħok fuq l-Internet

Ftakar f'dawn il-ħames pariri SMART meta tkun qed tikkommunika ma' nies li ma tafhomx fuq l-Internet. Għal spjegazzjoni aktar fid-dettal dwar dawn il-pariri żur ***www.kidsmart.org.uk/smart***

**S** **Safe** Ikollok sigurtà sħiħa meta tkun attent il-ħin kollu u ma tagħti lil ħadd ismek, l-indirizz, in-numru tal-*mobile* tiegħek, isem l-iskola li tattendi jew il-*password* tiegħek meta tkun *online*.

**M** **Meeting** Li tiltaqa' ma xi ħadd li tkun ikkuntattjajt fuq l-Internet jista' jkun perikoluż ħafna. Dil-biċċa xogħol għamilha biss bil-permess tal-ġenituri tiegħek jew ta' min qed jieħu ħsiebek, u qis li jiġu miegħek.

**A** **Accepting** Jekk taċċetta *emails* jew tiftaħ files ġejjin mingħand nies li ma tafhomx jew li ma tafdax, tista' tidħol f'ħafna inkwiet. Jista' jkun fihom xi *viruses* jew messaġġi mhux xierqa.

**R** **Remember** Ftakar dejjem li min hu *online* jista' jkun qed jigdeb u għandu mnejn li mhuwiex il-persuna li qed jippretendi li hu. Jekk tħossok skomdu meta tkun qed tiċċettja jew tibgħat il-messaġġi, aqta' l-kuntatt mill-ewwel.

**T** **Tell** Informa lill-ġenituri tiegħek jew lil min qed jieħu ħsiebek jekk xi ħadd jew xi ħaġa qed idejquk jew jinkwetawk.



"L-Internet veru tal-ġenn! Tista' ssib informazzjoni fuq x'hiex trid, tikkomunika ma' min trid u tieħu pjaċir. Imma importanti li nużawh tajjeb u nsegwu r-regoli SMART."

Ali & Lis

## Aktar pariri u riżorsi



Il-*website Kidsmart* għandha aktar riżorsi u taħriġ għall-ġenituri, għalliema u tfal, fosthom l-attività "*Net Detectives*".

**www.kidsmart.org.uk**



*Chatdanger.com* - pariri siewja għat-tfal u l-ġenituri dwar kif jużaw iċ-*Chat Rooms* mingħajr perikli.

**www.chatdanger.com**



Is-sit *Cable and Wireless Childnet Awards* għandu vetrina ta' aktar minn 100 proġett interessanti maħluqa minn żgħażagħ u għalliema.

**www.childnetawards.org**



Is-"*Cybercafe*" tal-*Gridclub* jagħti dettalji dwar l-*Internet Proficiency Scheme*, użata l-Ingilterra għall-iskejjel primarji, li wkoll jagħmlu użu mir-regoli SMART.

**www.gridclub.org**



### Fuljett b'xejn għall-ġenituri

Jeżisti fuljett apposta għall-ġenituri.
Dan jista' jinġieb b'xejn billi ċċempel lid-
Dipartiment tat-Teknoloġija fl-Edukazzjoni
Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni
Tel: 2598 2805

Ministeru ta' l-Edukazzjoni
Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol

mIT&I
Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Investiment Malta

MEGABYTE Total Computer Solutions · hp · ORACLE · Maltacomgroup · BOV · Malta Post

Kid Smart

www.kidsmart.org.uk



# l-internet tal-ġenn... imma l-ġenituri jafu?

## gwida ta' sigurtà fuq l-internet għat-tfal u ż-żgħażagħ